MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 329/2007

**Middlesea Insurance plc (C5553) u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Maria Farrugia 416461(M) u kif ukoll Laferla Insurance Agency (C14529) fil-kwalita` taghha ta' agent ta' l-istess socjeta`**
**Middlesea Insurance plc u l-istess Maria Farrugia**

**Vs**

**Vincent Mercieca ID : 146562(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' April, 2007, fejn is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' disa` mija u erbgha u sittin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm964.81) illi jigu mhallsin hekk kif gej : disa` mija u disa` u tletin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm939.81) lil MiddleSea Insurance kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Maria Farrugia u hamsa u ghoxrin

(Lm25.00) lil Maria Farrugia rapprezentanti f'danni volontarjament ikkawzati mill-konvenut fil-vettura numru JBF943 propjeta` tal-imsemmija Maria Farrugia u assikurata mis-socjeta` assikuratrici taht polza *comprehensive* f'incident illi sehh gewwa Dingli fis-17 ta' Settembru 2006. Bl-ispejjez.

Ra d-dikjarazzjoni tal-partijiet maghmula fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2007 fejn l-istess partijiet qablu illi s-sorte kien gie mhallas.

Ra d-dikjarazzjoni ta' Dr Neville Camilleri ghall-konvenut fejn stqarr illi a skans ta' spejjes zejda ma pprezentax risposta b'dan illi kien qed jikkontendi li l-konvenut ma kellux ibati l-ispejjes peress illi l-kawza giet istitwita b'mod intempestiv meta kienet qed tigi skambjata korrispondenza bejn s-socjeta` attrici u l-konvenut.

Sema` x-xhieda u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra :

Illi s-sorte huwa mhallas u l-kwistjoni tibqa` biss dwar min ghandu jbaghti l-ispejjes ta' din il-kawza.

Il-konvenut (12.07.2007) ighid illi kien ircieva ittra minn ghand Dr Stephen Thake ghan-nom ta' Laferla Insurance (DOK VM 2) u kien kellem lill-Avukat tieghu Dr Neville Camilleri. Xi jumejn wara kien anke rcieva kopja ta' l-itramibghut amill-Avukat Camilleri ghan-nom tieghu in risposta ghall-ittra ta' Laferla Insurance (DOK VM1).

Dr Neville Camilleri xehed (12.07.2007) illi kien baght l-ittra DOK VM 1 b'risposta ghall-ittra ta' Laferla Insurance, u dan war ailli l-konvenut kien kellmu dwar l-istess ittra li huwa kien rcieva. Jikkonferma ukoll illi kien mpustha hu u li ma kienitx giet *returned* l-ufficcju tieghu fir-*return address* li jkun hemm fuq l-envelope.

Minn naha l-ohra xehed Dr Stephen Thake (30.10.2007) u ddikjara illi l-ewwel darba illi DOK VM 1 giet a konjizzjoni tieghu kien meta ha kopja taghha mill-atti ta' dan il-kaz.

Ikkonferma illi huwa qatt qabel ma kien rcieva l-ittra bhala posta normali u regolari li huwa jircievi l-ufficcju.

Dr Stephen Thake esebixxa ittra li huwa rcieva minn ghand Dr Neville Camilleri u datata 27 ta’ April 2007 (DOK ST 1) u jiddikjara illi dik kienet l-unika ittra li rcieva dwar dan il-kaz minn ghand Dr Camilleri.

Xehed ukoll Charles Galea (30.10.2007) in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u kkonferma illi l-unika kopja ta’ l-ittra DOK VM 1 li huwa ghandu fil-file tal-kaz in kwistjoni hija dik bit-timbru tal-prezentata tat-12 ta’ Lulju 2007, ossia kopja mehuda mill-file tal-kaz odjern.

Illi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u mill-fatti kollha li jirrizultaw it-Tribunal irid qabel xejn jiddikjara illi mhux qed jiddubita lill-ebda parti mill-verita` li qed tghid u ssostni. It-Tribunal jemmen bl-aktar mod assolut lid-difensuri tal-partijiet it-tnejn indaqs – u daqs kemm jemmen lill-Avukat Camilleri li mposta l-ittra DOK VM 1 kif indirizzata lill-ufficcju ta’ Dr Thake, daqstant iehor jemmen bl-aktar mod assolut lill-Avukat Thake li l-ittra ma wasslitx ghandu.

It-Tribunal izid ighid illi dawn il-verzjonijiet ma humiex kunfliggenti, izda anke jekk b’kumbinazzjoni – jista` jkun illi ittra mpustata ma tasalx fid-destinazzjoni taghha. Mhux darba jew tnejn li wiehed anke jaqra fil-gurnali li l-Maltapost plc tkun qed tinvestiga kif u ghaliex ittra mpustata ma tkunx wasslet fid-destinazzjoni taghha. Dan facilment seta` kien il-kaz hawnhekk u meno male illi ma wasslitx l-ittra DOK VM 1 izda wasslet DOK ST 1.

Fic-ciskostanzi allura, it-Tribunal isib illi ma kien hemm xejn intempestiv fil-fatt illi l-atturi pprocedew b’din l-istanza, izda minn naha l-ohra, in kwantu l-fatt illi l-konvenut ma’ baqghax immobbli u indifferenti ghat-talba li saritlu b’DOK VM 1, izda immedjatament kellem Avukat tal-fiducja tieghu u ttiehdet azzjoni (anke jekk sfortunatament ma hallitx r-rizultat mixtieq - imma ghal raguni kompletament estraneja u mhux fil-kontroll tal-partijiet), it-Tribunal ihoss opportun illi b’ekwita` jaqsam l-ispejjes ta’ din l-istanza nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici fil-mertu in kwantu illi sar il-hlas kif maqbul bejn il-partijiet, jiddeciedi dwar il-kap ta' l-ispejjes billi jordna illi l-ispejjes legali kollha konnessi ma' dan il-kaz kif ghad trid tigi ntaxxata jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------